MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 362/2012

**L-Avukat Dottor Aldo Vella (I.D. 1077346) fil-kwalita` tieghu ta` stralcjarju tas-socjeta` Konkos Limited (C 5059)**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fid-9 ta` April 2012 li jaqra hekk –

*Illi 'llum fil-kwalita` tieghu premessa, l-esponenti ghandu fil-pussess tieghu fondi appartenti lis-socjeta` in likwidazzjoni, minn liema fondi jista` jsir hlas lill-kredituri, akkont ta` dak lilhom dovut. Lista tal-kredituri maghrufa mis-socjeta` hi hawn annessa bhala Dok. "AV1".*

*Illi fost il-kredituri, hemm tnejn in partikolari u cioe` Malta Government Investments Limited (MGI) u Concrete Mix Limited.*

*Fis-17 ta` Gunju 1994, MGI kienet dahlet bhala garanti ghal Konkos Limited favur il-Bank of Valletta ghal facilitajiet bankarji precedentement moghtija mill-istess Bank lil Konkos Limited. Konkos Limited, bhala s-socjeta` debitrici kienet ghamlet tajjeb ghar-radd tad-dejn lil Bank of Valletta permezz ta` zewg garanziji ipotekarji, mentri l-fidejussjoni moghtija minn MGI kienet dik maghrufa bhala garanzija on private form (Dok. "AV2" u Dok. "AV3").*

*In segwitu l-Bank of Valletta esiga, u ottjena f`Marzu 2001, minghand MGI, bhala garanti, hlas tad-debitu dakinhar dovut minn Konkos Limited fl-ammont ta` LM188,514.81 (illum €439,121.38), kif jirrizulta konfermat mill-annessi Dokumenti "AV4" u "AV5".*

*In forza ta` sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-1 ta` Novembru 1993, wara c-Citaz. Numru 1454/93AM fl-ismijiet "Anthony Montebello noe vs Perit Joseph Borg Grech et noe", is-socjeta` Concrete Mix Limited giet kanonizzata kreditrici ta` Konkos Limited fl-ammont ta` LM46,260.86 (illum €107,758.81), oltre l-imghax legali u l-ispejjez gudizzjarji (Dok. "AV6").*

*Illi fi zminijiet recent nqalghu divergenzi bejn l-istess MGI u s-socjeta` Concrete Mix Limited. Il-kontestazzjoni bejniethom hi fis-sens illi, filwaqt li MGI tippretendi li hija giet surrogata fid-drittijiet ipotekarji tal-Bank of Valletta fil-*

*konfront ta` Konkos Limited, u allura tippregradwa lill-kredituri odjerni ta` Konkos Limited, Concrete Mix Limited issostni li dan mhuwiex il-kaz.*

*MGI ssostni li s-surroga fid-drittijiet ipotekarji ta` Bank of Valletta sehhet favur taghha ope legis, mentri s-socjeta` Concrete Mix Limited tichad dan u ssostni li ladarba l-hlas minn MGI lil Bank of Valletta sar biss brevi manu permezz ta` cheque u mhux permezz ta` att notarili, tali surroga ma sehhitx.*

*Din il-kontestazzjoni hija ta` ostakolu ghall-esponenti fil-qadi tad-dmirijiet tieghu, u senjatament fl-ezercizzju sabiex jibda jsir hlas lill-kredituri ta` Konkos Limited.*

*Addirittura s-socjeta` Concrete Mix Limited qed izzomm lill-esponenti personalment responsabbli ghad-danni kemm-il darba kellu jghaddi biex ihallas l-ewwel il-kreditu ta` MGI (Dok. "AV7", "AV8" u "AV9").*

*Ghaldaqstant, bil-mod kif mahsub fl-artikolu 292(1) tal-Kap. 386, l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddetermina l-gradwazzjoni skont il-Ligi tal-kredituri maghrufa kollha ta` Konkos Limited, sabiex jekk hu jkun f`pozizzjoni li jghaddi biex jibda jaghmel pagamenti lill-istess kredituri skont id-dritt lilhom spettanti fil-Ligi, minghajr b`daqshekk ma jkun qed jirrendi ruhu responsabbli personalment ghad-danni fil-konfront ta` Concrete Mix Limited.*

Rat l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta` Novembru 2012, fejn l-ahhar paragrafu tar-rikors promotorju kien korrett, wara talba mill-istralcjarju.

L-ahhar paragrafu gie jaqra hekk –

*Ghaldaqstant, bil-mod kif mahsub fl-artikolu 292(1) tal-Kap. 386, l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddetermina l-gradwazzjoni skont il-Ligi tal-kredituri maghrufa kollha ta` Konkos Limited, wara li tiehu konjizzjoni wkoll tan-nota ta` Ballut Blocks Limited prezentata fis-7 ta` Novembru 2012 u tad-dokumenti esebiti mal-istess nota, sabiex jekk hu jkun f`pozizzjoni li jghaddi biex jibda jaghmel pagamenti lill-istess kredituri skont id-dritt lilhom spettanti fil-Ligi, minghajr b`daqshekk ma jkun qed jirrendi ruhu responsabbli personalment ghad-danni fil-konfront ta` Concrete Mix Limited.*

Illi Malta Government Investments Ltd. (minn issa `l quddiem tissejjah **"<u>MGI</u>"**)ipprezentat risposta guramentata fit-<u>18 ta` Mejju 2012.</u>

Taqra hekk –

*Illi sabiex tigi rizolta l-vertenza meritu ta` din il-kawza jkun utli li jigu elenkati l-fatti li taw lok ghaliha.*

***<u>IL-FATTI</u>***

*1) Illi s-socjeta` Konkos Ltd. giet registrata b`kapital socjali ta` 156,800 ishma tal-valur nominali ta` Lm1 (€2.33) il-wiehed li gew sottoskritti in kwantu ghal 81,000 Ordinary A Shares (51%) mill-MGI u r-rimanenti 76,800 Ordinary B Shares (49%) tal-istess valur nominali illi gew sottoskritti in kwantu 3840 ishma tal-istess valur nominali minn kull wiehed minn ghoxrin azzjonisti kif jidher mill-artikolu 4 tal-Memorandum and Articles ta` Konkos Ltd hawn annessi bhala "Dok. JCS1".*

*2) Illi fis-26 ta` Gunju 1998 Konkos Ltd tpoggiet fis-stadju ta` stralc bil-process tal-"Voluntary Winding-Up". Bhala stralcjarju gie mahtur l-Avukat Dottor Aldo Vella skont ma jidher mill-annessi dokumenti mmarkati "Dok. JCS2" u "Dok. JCS3".*

*3) Illi s-socjeta` Konkos Ltd kienet hadet Overdraft Facilities mill-Bank of Valletta Limited (BOV). MGI dahlet garanti solidali ma` Konkos Ltd a favur ta` BOV ghall-obligazzjonijiet kollha li assumiet Konkos Ltd inkluz il-hlas lura tal-ammonti kollha dovuti mill-Konkos Ltd lil BOV. Din il-garanzija giet garantita mill-MGI b`zewg garanziji bankarji ta` MGI u bis-skrittura ta` fidejussjoni ta` MGI (ara "Dok AV2" anness mar-rikors promotur).*

*4) Illi f`Marzu 2011 il-BOV esiga u ottjena minghand MGI id-debitu ta` Konkos Ltd fl-ammont ta` Lm188,541.38 (€439,121.38) (ara "Dok AV4" u "Dok AV5" annessi mar-rikors promotur).*

*5) Illi b`hekk is-socjeta` MGI giet surrogata fid-drittijiet ta` BOV kontra Konkos Ltd u ghalhekk hija tippregradwa lill-kredituri ordinarji ta` Konkos Ltd. Wiehed mill-kredituri u cioe` Concrete Mix Limited (CML) ikkontesta l-imsemmija surroga. Din hija d-divergenza li hija l-pern illi <u>tifforma</u> l-meritu ta` din il-kawza.*

***<u>IS-SURROGA</u>***

*1) Illi l-kontestazzjoni ta` CML hija bbazata fuq il-fatt illi meta MGI hallset lil BOV kif fuq spjegat ma sarx att notarili.*

*2) Illi permezz ta` ittra mibghuta mill-Avukat sottofirmat lill-istralcjarju huwa spjega illi s-surroga saret abbazi tal-artikolu 1166(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta) ("Dok. JCS4").*

*3) Wara din l-ittra CML qajmet xi kweziti ohra li ghalihom irrisponda l-Avukat sottofirmat permezz ta` ittra datata 30 ta` Awwissu 2011 ("Dok. JCS5"). Fiha gie spjegat illi taht il-ligi taghna s-surroga tista` tkun konsenswali jew ex lege taht l-artikolu 1166 fuq imsemmi. Illi ghalhekk il-fatt li ma sarx att notarili meta MGI hallset lil BOV id-debitu ta` Konkos Ltd ma jfissirx illi s-surroga ma saritx ghax tali surroga saret abbazi tal-Artikolu 1166(c) fuq imsemmi. Ma` din l-ittra gew annessi zewg dokumenti ohra ("Dok JCS6" u "Dok JCS7") bhala prova tal-hlas minn MGI tad-debitu dovut minn Konkos Ltd lil BOV.*

*4) Rinfaccjat b`din id-divergenza l-istralcjarju talab konsult minghand l-Onorabbli Imhallef Philip Sciberras ("Dok JCS8"). F`dan il-konsult profondament studjat l-imsemmi Onorabbli Imhallef qabel mat-tezi ta` MGI. CML ma qablux ma` dan il-konsult. Huma llimitaw ruhhom billi jghidu li l-konsult kien superficjali izda ma taw ebda argumenti legali biex jirribattu l-kontenut inkluzi l-konkluzjonijiet fl-imsemmi konsult.*

*Ghaldaqstant MGI taqbel mat-talba kontenuta fir-rikors promotur b`dan illi MGI ghandha tippregradwa l-kredituri kollha ta` Konkos Ltd ghas-somma minnha mhallsa ta` €439,121.38 lil BOV bl-imghax legali mid-data tal-imsemmi pagament sal-pagament effettiv b`surroga tad-drittijiet kollha tal-BOV kontra Konkos Ltd.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minn MGI u l-elenku tad-dokumenti esebiti minnha.

Illi Concrete Mix Limited (C1488) [minn issa `l quddiem tissejjah **"<u>CML</u>"**) ipprezentat risposta fl-<u>4 ta` Settembru 2012.</u>

Taqra hekk –

*Illi l-kumpannija esponenti qieghda twiegeb ghar-rikors promotur ipprezentat mill-istralcjarju l-Avukat Dottor Aldo Vella nhar id-9 ta` April, 2012 u dana skond id-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-23 ta` April, 2012, liema digriet jinstab a fol. 29 ta` dawn l-atti ;*

*Illi l-kumpannija esponenti ser twiegeb kemm b`punti ta` natura prettament preliminari kif ukoll b`punti li jolqtu l-mertu ta` dak imqajjem mill-istralcjarju l-Avukat Dottor Aldo Vella u dana fl-istess ordni ;*

***1. Preliminarjament – l-ipoteki li fuqhom il-kumpannija Malta Government Investments Limited qieghda issejjes il-pretensjoni taghha, ghadhom fis-sehh ?***

*1.1. Id-dubju li hakem lill-istralcjarju u l-konsegwenti direzzjoni li talab lil dina l-Onorabbli Qorti jirrigwardaw zewg ipoteki generali iskritti ghaf-favur tal-kumpannija bankarja Bank of Valletta p.l.c. kontra l-kumpannija li qieghda tigi stralcjata ossija l-kumpannija Konkos Limited. Kopja ta` dawn iz-zewg ipoteki giet ezebita mill-istess stralcjarju a fol. 4 – 6 tal-process ;*

*1.2. Jirrizulta wkoll illi l-kumpannija Malta Government Investments Limited qieghda tippretendi illi hija ghandha tippregradwa bis-sahha ta` dawn l-ipoteki billi, skond il-pozizzjoni taghha, hija giet surrogata fid-drittijiet tal-kumpannija bankarja Bank of Valletta p.l.c. ;*

*1.3. F`dan ir-rigward, il-kumpannija esponenti tirrileva illi l-ipoteki generali in kwistjoni gew registrati taht in-numru progressiv I 15690/1981 u 9665/1982 nhar il-21 ta`*

*Dicembru, 1981 u nhar it-30 ta` Awwissu, 1982 rispettivament ;*

*1.4. Illum ghaddew aktar minn tletin (30) sena minn meta saru l-iskrizzjonijiet ipotekarji in kwistjoni ;*

*1.5. Ghalhekk, qabel ma dina l-Onorabbli Qorti tghaddi biex tisma` l-mertu tar-rikors ta` l-istralcjarju, l-istralcjarju, il-kumpannija Malta Government Investments Limited jew min ghandu interess, ghandu jaghmel il-prova illi l-iskrizzjonijiet ipotekarji in kwistjoni gew imgedda skond kif trid il-ligi. L-artikolu 2053 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta jghid illi l-iskrizzjoni tal-privileggi u ta` l-ipoteki fir-Registru Pubbliku ma tibqax issehh wara tletin (30) sena mid-data taghha, kemm-il darba ma tigix imgedda qabel ma jaghlaq dak iz-zmien ;*

*1.6. Dan ifisser illi jekk l-iskrizzjoni ta` l-ipoteki in kwistjoni ma gietx imgedda kif titlob il-ligi, illum dawn l-ipoteki ma ghadhomx fis-sehh u konsegwentament lanqas jistghu jaghtu xi dritt ta` pregradwazzjoni ;*

*1.7. Ghalhekk il-kumpannija esponenti ttenni illi huwa importanti li l-ewwel jigi determinat jekk sarx tigdid ta` l-iskrizzjoni ta` l-ipoteki in kwistjoni. Dana kollu qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghal kull jedd ta` kontestazzjoni spettanti lill-kumpannija esponenti f`kaz illi jirrizulta li sar it-tigdid ta` l-iskrizzjoni ta` l-ipoteki in kwistjoni ;*

***2. Preliminarjament – il-kumpannija Malta Government Investments Limited kienet, f`kull kaz, irrinunzjat ghal kull dritt li seta` kellha***

*2.1. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk il-kumpannija Malta Government*

*Investments Limited kellha xi drittijiet hija kienet irrinunzjat ghalihom b`mod espress u mhux ekwivoku ;*

*2.2. F`dan ir-rigward, il-kumpannija esponenti tirrileva illi ghalkemm l-istralcjarju kien gie mahtur fis-sena 1998, kien hemm zmien twil fejn il-process ta` stralc kien wieqaf. Il-kumpannija esponenti, tramite r-rapprezentanti legali taghha, kitbet lill-istralcjarju bosta drabi u fl-ahhar, ghal habta tas-sena 2008, l-istralcjarju beda jzomm laqghat tal-kredituri. Ghal dawn il-laqghat kien ikun hemm prezenti rapprezentant tal-kumpannija Malta Government Investments Limited u senjatament John Buttigieg ;*

*2.3. F`wahda minn dawn il-laqghat tal-bidu, l-istralcjarju spjega x`inhu l-attiv u l-passiv tal-kumpannija li qieghda tigi stralcjata ossija l-kumpannija Konkos Limited. Fost affarijiet ohra spjega illi l-kumpannija Konkos Limited kellha kreditu favuriha kontra l-Gvern ta` Malta izda ma kienx car minghand min kellu jithallas u l-ammont. L-istralcjarju kien spjega (bil-konsapevolezza u l-akkwixxenza tar-rapprezentant tal-kumpannija Malta Government Investments Limited) illi in vista ta` dan, il-kumpannija Malta Government Investments Limited kienet qieghda tirrinunzja li tirreklama xi pagament proprju in vista tal-fatt li kien hemm xi ammont dovut minn xi dipartiment jew dipartimenti tal-Gvern. Minn hemm `il quddiem inhela bosta zmien jigi diskuss kif ukoll jigu impunjati mandati ta` sekwestru mahruga mill-kumpannija Ballut Blocks Limited. Ladarba din il-kwistjoni tal-mandati ta` sekwestru kienet giet sorvolata, irrizulta illi kien hemm fondi disponibbli ghall-ispartizzjoni. Il-kumpannija esponenti kien ilha sa mill-bidu nett tfisser illi fuq il-kapital dovut lilha kienu qieghdin jiddekorru l-imghax skond sentenza tal-Qorti. Meta insistiet illi tithallas l-imghax, il-kumpannija Malta Government Investments Limited harget bit-theddida illi jekk il-kumpannija esponenti kienet ser tinsisti ghall-imghax, hija kienet ser tinsisti illi tithallas bi preferenza ghaliex bdiet tghid illi hija giet surrogata fid-drittijiet ipotekarji tal-kumpannija Bank of Valletta p.l.c.;*

*2.4. Fl-ittra tal-konsulent legali tal-kumpannija Malta Government Investments Limited li mhix datata, izda intbaghtet din is-sena, u li tinstab a fol. 55 tal-process jinghad illi "kindly inform them that MGI was prepared to renounce to its subrogation rights acquired from BOV. If these shareholders persist in their claims, MGI will withdraw its offer." Dan mhuwiex ezatt. Il-kumpannija Malta Government Investments Limited kien ilha ta` lanqas erba` (4) snin li irrununzjat u li l-proposta taghha giet accettata fis-sens li hija tirrinunzja kull dritt u l-istralcjarju ma jipprocedix kontra d-dipartiment jew dipartimenti tal-Gvern hawn fuq imsemmija. Li tigi thedded li ser tirtira l-offerta meta kien hemm gjà accettazzjoni u erba` (4) snin wara juri l-attitudni tal-kumpannija Malta Government Investments Limited ;*

*2.5. Il-kumpannija esponenti, ghal dawn ir-ragunijiet, issostni illi gjaladarba il-kumpannija Malta Government Investments Limited kienet irrinunzjat espressament quddiem l-istralcjarju, l-avukat sottoskritt, ir-rapprezentant tal-kumpannija esponenti u l-kredituri l-ohra li kienu prezenti li tezigi xi hlas, ma setghetx fi stadju sussegwenti tohloq din il-kontroversja*

***3. Preliminarjament – kull pretensjoni illi l-kumpannija Malta Government Investments Limited seta` kellha kontra l-kumpannija Konkos Limited hija preskritta***

*3.1 Minghajr pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq espost, u minghajr ma l-kumpannija esponenti tidhol f`dan l-istadju fil-kwistjoni tas-surroga tad-drittijiet ipotekarji, kull pretensjoni illi l-kumpannija Malta Government Investments Limited seta` kellha kontra l-kumpannija li qieghda tigi stralcjata ossija l-kumpannija Konkos Limited hija ampjament preskritta bid-dekors tal-hames (5) snin ai termini ta` l-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3.2 Jirrizulta mill-ittra ezebita a fol.11 ta` dawn l-atti illi l-kumpannija Malta Government Investments Limited hallset lill-kumpannija bankarja Bank of Valletta p.l.c. nhar it-12 ta` Marzu, 2001 ;*

*3.3 Il-garanzija moghtija mill-kumpannija Malta Government Investments Limited kienet saret bi skrittura privata u la meta sar il-hlas u lanqas wara ma gie ippubblikat xi att notarili ;*

*3.4 Ghalhekk il-preskrizzjoni applikabbli hija dik tal-hames (5) snin skond l-artikolu hawn fuq citat. Il-perjodu ta` hames (5) snin ghadda nhar it-12 ta` Marzu, 2006 ;*

*3.5 Mill-informazzjoni li ghandha l-kumpannija esponenti f`dan il-perjodu, il-kumpannija Malta Government Investments Limited la ipprezentat xi ittra ufficjali, la ipprezentat xi kawza u lanqas ipprezentat xi att iehor li bih uriet li trid izzomm shah id-drittijiet taghha ;*

*3.6 Il-preskrizzjoni ta` l-azzjoni tal-kumpannija Malta Government Investments Limited ghall-hlas ta` dak allegatament dovut lilha ilu illi ghadda minghajr ma din il-kumpannija hadet xi passi gudizzjarji. Ladarba l-azzjoni taghha hija illum preskritta, gietx surrogata jew le fid-drittijet ipotekarji tal-kumpannija Bank of Valletta p.l.c. certament mhuwiex ser jirrintegraha fi dritt ta` azzjoni illi iddekadiet minnu ;*

***4. Fil-mertu – mill-korrispondenza ezebita a fol. 11 u 12 tal-process, jidher illi l-kumpannija Malta Government Investments Limited u l-kumpannija bankarja Bank of Valletta p.l.c. riedu illi s-surroga ta`***

***drittijiet issir bil-miktub senjatament permezz ta` att notarili***

*4.1 Fl-ittra ezebita a fol. 11 tal-process, filwaqt illi l-kumpannija Malta Government Investments Limited ghamlet il-pagament ta` dak li kien dovut mill-kumpannija Konkos Limited lill-kumpannija bankarja Bank of Valletta p.l.c. talbet ukoll "kindly arrange for subrogation of rights.";*

*4.2 Il-kumpannija bankarja Bank of Valletta p.l.c. wiegbet ftit jiem wara permezz ta` l-ittra a fol. 12 tal-process fejn idderigiet lill-kumpannija Malta Government Investments Limited fis-sens illi "kindly liaise with your Notary for the drawing up of the relative deed of payment by subrogation.";*

*4.3 Dan l-att qatt ma sar u minkejja dan, il-kumpannija Malta Government Investments Limited tippretendi li s-surroga sehhet ex lege ;*

*4.4 Dak illi l-kumpannija Malta Government Investments Limited tiskarta ghal kollox huwa illi f`materja kummercjali l-artikolu 114 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi illi jekk il-partijiet ikunu ftehmu illi l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt li huma riedu jassoggettaw il-validità tieghu ghat-tharis ta` dik il-formalità ;*

*4.5 Huwa car daqs il-kristall li, fil-kaz odjern, il-kumpannija Malta Government Investments Limited u l-kumpannija bankarja Bank of Valletta p.l.c. ftehmu li s-surroga issir b`kuntratt notarili. Dan ma sarx ;*

*4.6 Allura l-ebda ftehim ta` surroga bejn l-imsemmija kumpannija Malta Government Investments*

*Limited u l-kumpannija bankarja Bank of Valletta p.l.c. ma huwa validu u lanqas jezisti ;*

*4.7 Il-kumpannija esponenti tfakkar illi skond l-artikolu 3 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta` Malta, f`materja kummercjali tghodd l-ewwel u qabel kollox, il-ligi tal-kummerc. Il-ligi civili tghodd biss fejn la tezisti ligi tal-kummerc u lanqas uzu tal-kummerc. Ghalhekk u fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz, il-kumpannija esponenti ma tistax tifhem kif il-kumpannija Malta Government Investments Limited tippretendi illi japplika l-artikolu 1166 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta meta jirrizulta illi l-ftehim kien li s-surroga issir permezz ta` att notarili ;*

***5. Osservazzjonijiet ulterjuri***

*5.1 Spjegati t-twegibiet tal-kumpannija esponenti fi ftit dettall, il-kumpannija esponenti thoss illi anke jekk ghal finijet li tinghata r-retroxena ta` dawn il-proceduri ta` stralc, hija ghandha telenka u tispjega certu fatti ;*

*5.2 Il-kumpannija esponenti tixtieq tibda billi tirrileva illi r-rizoluzzjoni staordinarja li l-kumpannija Konkos Limited tigi xolta ittiehdet nhar il-25 ta` Gunju, 1998 u nhar id-9 ta` Lulju, 1998 inhatar l-istralcjarju ;*

*5.3 Il-kumpannija esponenti kienet qabel dawn id-dati u senjatament nhar l-1 ta` Novembru, 1993 kisbet sentenza minghand l-allura Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-sens illi hija kreditrici tal-kumpannija Konkos Limited fl-ammont ta` sitta u erbghin elf mitejn u sittin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm 46,260.86), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja ;*

*5.4 Ghalhekk il-kumpannija esponenti kellha interess ovvju li issegwi l-proceduri ta` stralc u li eventwalment tithallas. Sas-sena 2006 però il-kumpannija esponenti ma kellha l-ebda informazzjoni jekk kienx qieghed isir xi progress ;*

*5.5 Kien ghalhekk illi meta l-kumpannija esponenti bdiet tara li la qieghda tinghata informazzjoni u lanqas qieghdin jinzammu laqghat mill-istralcjarju, hija inkarigat lill-konsulenti legali taghha sabiex jiktbu lill-istralcjarju u fil-fatt kitbulu l-ittri ta` nhar l-14 ta` Marzu, 2006, 10 ta` Lulju, 2006, 28 ta` Novembru, 2006, 11 ta` Dicembru, 2006, u 14 ta` Marzu, 2007. Dawn l-ittri kollha baqghu minghajr twegiba. Kien ghalhekk illi nhar is-6 ta` Gunju, 2007 intbaghtet ittra ufficjali lill-istalcjarju li wkoll baqghet minghajr twegiba ;*

*5.6 Kwazi sena wara, il-kumpannija esponenti kienet irceviet avviz illi nhar it-2 ta` Gunju, 2008 kienet ser tinzamm laqgha generali mill-istralcjarju. Kien proprju waqt din il-laqgha illi l-kumpannija Malta Government Investments Limited irrinunzjat ghal kull dritt li seta` kellha u in vista ta` dan ittiehdet id-decizjoni illi l-istralcjarju ma jipprocedix gudizzjarjament kontra d-dipartiment jew dipartimenti tal-Gvern koncernati ;*

*5.7 Il-kumpannija esponenti kienet indunat, waqt din l-istess laqgha, illi ghalkemm kienet imnizzla fuq il-lista tal-kredituri, l-ammont dikjarat bhala dovut kien hazin. Kien ghalhekk illi kitbet formalment lill-istralcjarju nhar id-9 ta` Lulju, 2008 u spjegatlu l-ammont kollu dovut lilha, inkluz sorte, imghax legali u spejjez gudizzjarji. L-ebda kwistjoni dwar l-imghax ma tqajmet f`dan l-istadju ;*

*5.8 L-unika kwistjoni li tqajmet kienet illi l-istralcjarju kien qieghed isib diffikultà minhabba zewg mandati ta` sekwestru – wiehed kawtelatorju u l-iehor ezekuttiv – li kienu nhargu kontra l-kumpannija li qieghda*

*tigi stralcjata mill-kumpannija Ballut Blocks Limited, wahda mill-kredituri ;*

*5.9 Fuq din il-kwistjoni, inhlew aktar minn sentejn (2) u s`intendi l-process ta` stralc waqaf minhabba f`hekk. Nhar is-17 ta` Marzu, 2010, l-istralcjarju ipprezenta rikors ghal revoka bin-numru 255/2010/AL fl-ismijiet "Ballut Blocks Limited v. Konkos Limited". Il-kumpannija esponenti kienet ukoll hadet sehem attiv f`dawn il-proceduri. Il-kumpannija Ballut Blocks Limited kienet opponiet ghal dan ir-rikors u dina l-Onorabbli Qorti kienet cahditu ;*

*5.10 Il-kumpannija esponenti ipprocediet hija stess permezz ta` zewg rikorsi bin-numru 501/2010/LFS u 502/2010/LFS it-tnejn fl-ismijiet "Ballut Blocks Limited v. Konkos Limited" sabiex tikseb it-thassir tal-mandati li kienu qieghdin jostakolaw il-process ta` stralc. B`zewg digrieti moghtija nhar it-28 ta` Settembru, 2010, anke dawn ir-rikorsi gew michuda. Il-kumpannija esponenti ipprezentat ukoll ittra ufficjali bin-numru 1905/2010 fejn zammet lill-kumpannija Ballut Blocks Limited responsabbli ghad-danni li kienu qieghdin jigu ikkagunati minhabba l-mandati ta` sekwestru mahruga minnha ;*

*5.11 Sussegwentament, il-kumpannija Ballut Blocks Limited kienet tat il-kunsens taghha ghall-hrug tal-kontro-mandati b`dan illi l-kumpannija esponenti indunat recentament illi l-kumpannija Ballut Blocks Limited iskriviet ipoteka generali kontra l-kumpannija Konkos Limited bin-numru progressiv I 4795/2010 u dana nhar is-7 ta` April, 2010. L-istralcjarju ghandu jiehu hsieb li dina l-ipoteka generali tigi kancellata billi saret waqt li l-kumpannija Konkos Limited qieghda fi proceduri ta` stralc u billi wkoll saret fi zmien meta l-kumpannija Konkos Limited mhijiex thallas lill-kredituri taghha u ghalhekk qieghda fi stat ta` falliment ;*

*5.12 Meta tnehhew il-mandati ta` sekwestru, xi fondi mizmuma gew f`idejn l-istralcjarju li fetah kont appozitu mal-kumpannija bankarja Lombard Bank p.l.c. Bdiet tigi diskussa l-possibilità ta` distribuzzjoni bejn il-kredituri. Il-kumpannija esponenti fakkret illi skond is-sentenza hija kellha dritt ghall-imghaxijiet legali. Il-kuntratturi l-ohra, kredituri wkoll, esprimew ix-xewqa li anke huma jirreklamaw l-imghaxijiet. Kien proprju f`dan il-punt illi l-kumpannija Malta Government Investments Limited bdiet litteralment thedded illi jekk kemm-il darba il-kredituri ma jirrinunzjawx ghall-imghaxijiet, hija kienet ser tirreklama l-kreditu taghha u tirreklamah l-ewwel u qabel kulhadd minhabba l-allegati drittijiet ipotekarji taghha ;*

*5.13 Il-kumpannija esponenti la kienet u lanqas hija disposta tirrinunzja ghal dritt legali taghha li johrog minn sentenza tal-Qorti. Apparti minn dan, it-theddida tal-kumpannija Malta Government Investments Limited hija barra minn lokha u legalment infondata kif spjegat ampjament f`din ir-risposta ;*

*5.14 Kienet din ir-raguni ghaliex gew istitwiti dawn il-proceduri ;*
*Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-kumpannija esponenti filwaqt illi topponi ruhha ghal kull pretensjoni ta` pregradwazzjoni li ghandha l-kumpannija Malta Government Investments Limited, tiddikjara illi tant ghandha x`tissottometti ghas-savju u superjuri gudizzju ta` dina l-Onorabbli Qorti. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-kumpannija Malta Government Investments Limited billi hija holqot din il-kwistjoni.*

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2012 fejn ghar-ragunijiet hemm specifikati kienet michuda t-talba ta` CML ghar-rikuza tal-Imhallef sedenti.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` John Busuttil.

Rat in-nota b`dokumenti li kienet prezentata minn Ballut Blocks Limited (C10) [minn issa `l quddiem tissejjah "**<u>BBL</u>**"].

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-8 ta` Novembru 2012 fejn wara talba tal-istralcjarju awtorizzat korrezzjoni tar-rikors promotorju.

Semghet fl-udjenza tat-8 ta` Novembru 2012 ix-xiehda ta` Jason Grech (bhala rapprezentant tad-Direttur tar-Registru Pubbliku), tal-Awditur Mark Bugeja, tal-istralcjarju Av. Aldo Vella, Ray Aquilina (bhala rapprezentant tal-Bank of Valletta plc) [minn issa `l quddiem il-Bank of Valletta plc se jissejjah "**<u>BOV</u>**"] u John Dalli u rat id-dokumenti li kienu prezentati minn uhud minn dawn ix-xhieda.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

Kopjuzi fl-ghadd kienu l-provi li l-kontendenti ressqu fil-procediment tal-lum. In vista ta` dak li ppremetta u talab l-istralcjarju, u tenut kont ta` l-posizzjoni li hadu l-kontendenti kif riflessa fir-risposti taghhom, din il-Qorti sejra tislet u taghmel riferenza **<u>in sintesi</u>** ghal dawk **<u>biss</u>** mill-provi li tqis rilevanti fil-kuntest tal-istanza.

Fix-xiehda tieghu, **<u>John Busuttil</u>**, Senior Head, Finance & Administration ta` MGI stqarr illi *shareholding tal-Konkos kien 51% tal-Malta Government Investments Limited ("MGI") u 49% l-ohra kienu ta` madwar ghoxrin kuntratturi privati. L-iskop principali li ghalih kienet imwaqqfa Konkos kien dak illi titfa` tenders ghall-kuntratti*

*tal-Gvern.* Spjega r-raguni ghala Konkos Limited spiccat debitrici tad-diversi kuntratturi.

Sostna li MGI qatt ma rrinunzjat ghall-krediti taghha. Kompla hekk – *Li kont ghidt f`wahda mil-laqghat li kienu organizzati mil-likwidatur kien illi l-MGI kienet disposta tikkunsidra r-rinunzja tal-krediti taghha ; pero` ghamlitha cara daqs il-kristall illi din ir-rinunzja kienet suggetta ghall-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-MGI.* Rinunzja ma kienx hemm rinunzja ghaliex xi kuntratturi, izda principalment CML, kienu qeghdin jippretendu li jithallsu l-imghax fuq il-krediti taghhom. MGI riedet illi jew l-imghax jiehdu kulhadd inkella ma jiehdu hadd. Billi CML spiccat wahedha tinsisti fuq il-hlas tal-imghax, MGI nsistiet fuq il-kreditu taghha.

Qal illi l-kreditu taghha kien rikonoxxjut mill-istralcjarju u mill-awdituri ta` Konkos Limited. Jirrizulta ndikat taht MIMCOL. Is-sid ta` MGI u MIMCOL huwa l-Gvern : MGI tiehu hsieb l-investimenti tal-Gvern waqt li MIMCOL hija l-*operating arm* ta` MGI. Diversi kienu d-drabi meta MIMCOL hallset ghan-nom ta` MGI.

Fil-**<u>kontroezami</u>** John Busuttil xehed illi r-rinunzja ghall-kreditu kienet biss proposta tieghu li kienet soggetta ghall-approvazzjoni tal-bord tad-diretturi ta` MGI. Fl-2006 ma kenitx ghadha qamet il-kwistjoni tal-imghax. Fil-laqghat li saru wara dejjem kienu jigu diskussi l-kwistjoni tal-krediti ta` Konkos Limited kontra l-Gvern, il-kwistjoni tas-sekwestru ta` BBL u l-kwistjoni tal-imghax – u dan minghajr sekwenza partikolari. Il-krediti kontra l-Gvern kienet materja li bdiet bosta snin qabel l-2006. U baqghet tissemma anke wara l-2006. Ma setax ighid jekk il-kwistjoni tal-imghax inqalghetx wara li BBL nehhtiet is-sekwestru. Li kien cert huwa li l-posizzjoni ta` MGI kienet illi jekk azzjonisti li kienu wkoll kredituri kienu sejrin jinsistu fuq il-hlas tal-imghax apparti l-kapital, GMI kienet se taghmel l-istess u kienet sejra tinsisti li tithallas l-ewwel ghaliex kellha favur taghha l-ipoteka li kienet tal-BOV.

Huwa baqa` ma ressaqx quddiem il-bord ta` MGI il-proposta li jinhafer il-kreditu ta` MGI kontra Konkos Limited. Mill-bord huwa kellu delega li jittratta. Pero` d-decizjoni finali kienet dejjem tal-bord.

**Jason Grech** bhala rapprezentant tad-Direttur tar-Registru Pubbliku xehed illi l-ipoteka nru 15690 tal-1981 registrata fil-21 ta` Dicembru 1981 u l-ipoteka nru 9665 tal-1982 registrata fit-30 ta` Awissu 1982 ma kienux renovati. Hekk jirrizulta skond Dok JG1.

L-Awditur **Mark Bugeja** xehed illi d-ditta Grant Thornton li jaghmel parti minnha kienet taghmel l-audits ta` Konkos Limited sakemm giet xjolta u beda l-process ta` stralc taghha. L-ahhar audit taghhom kien dak ghas-sena li ntemmet 30 ta` Dicembru 1996. Ipprezenta lista tal-kredituri ta` Konkos Limited kif kienet fit-30 ta` Dicembru 1996 (Dok MB1). Ix-xhud ikkonferma dak li xehed John Busuttil fl-affidavit tieghu u cioe` dwar il-kreditu ta` MIMCOL u t-tmexxija ta` MGI u MIMCOL.

Fix-xiehda tieghu l-**Av. Aldo Vella** fisser f`aktar dettall il-premessi tar-rikors promotorju. U kompla jispjega illi MGI hallset lil BOV hekk kif BOV invoka l-garanzija li MGI kienet tat lil BOV ghad-dejn li Konkos Limited kellha ma` BOV. Mal-hlas bhala garanti, MGI saret hi kreditrici ta` Konkos Limited minflok BOV. Qabel sar dan, MGI ma kenitx kreditur ta` Konkos Limited. L-unika asset ta` Konkos Limited huma l-ishma li ghandha fil-kumpannija Central Cement Limited. Dawn l-ishma ghandhom valur sostanzjali u kull sena jirrendu dividends tajbin. Ghal xi zmien il-hlas tad-dividends favur Konkos Limited kien kolpit minn mandat ta` sekwestru li BBL kienet ipprezentat kontra Konkos Limited b`Central Cement Limited bhala sekwestrarju. In segwitu kkonvinca lil BBL biex tnehhi l-mandat. Fisser kif il-pretensjoni tal-hlas tal-imghax ghandha effett fuq il-progress tal-istralc. Sostna illi f`idejh huwa ma kellu xejn formali bil-miktub li jghid illi MGI irrinunzjat ghall-kreditu taghha. Konkos Limited giet xjolta

fil-25 ta` Gunju 1998 u marret fi stralc. Fid-9 ta` Lulju 1998, inhatar hu bhala stralcjarju. Kien wara li gara hekk illi BBL irregistrat l-ipoteka taghha. Tenna illi CML ma kenitx qeghda tirrikonoxxi s-surroga li MGI tippretendi li ghandha wara li hallset hi lil BOV id-dejn ta` Konkos Limited. Ikkonferma lil bejn MGI u BOV ma sarx att notarili ta` surroga. Dwar il-kwistjoni tar-rinunzja, Dr Vella kkonferma illi diskors sar izda xejn bil-miktub. Jekk kien se jkun hemm rinunzja huwa nsista ma` John Busuttil ta` MGI li jkollu xi haga bil-miktub. Min-naha tieghu, John Busuttil insista li jirreferi l-materja lill-bord tal-kumpannija. Decizjoni ma kienx hemm mill-bord tal-MGI.

**Ray Aquilina** mill-BOV xehed illi fit-12 ta` Marzu 2001, MGI bhala garanti hallset ghas-saldu lil BOV il-kreditu li BOV kellu kontra Konkos Limited. Kien esebit kopja tac-cheque tal-hlas Dok RA1. Wara kellu jsir kuntratt formali ta` surroga biex l-ipoteki li kellu BOV kontra Konkos Limited iduru fuq MGI. Il-kuntratt baqa` ma sarx ghalkemm BOV dejjem lest li jsir il-kuntratt ladarba thallas.

**John Dalli** xehed illi l-kumpannija Dalli Brothers Limited hija kreditur u azzjonista ta` Konkos Limited. Hu direttur ta` Dalli Brothers Limited. Huwa ta l-isfond tal-kwistjoni tal-interessi fis-sens illi jekk CML tirrinunzja ghall-interessi, il-kredituri l-ohra kienu jaghmlu l-istess. Billi CML irrifjutat, hemm allura kulhadd insista li jiehu dak dovut inkluzi l-interessi. Dwar ir-rinunzja ta` MGI sar diskors izda xejn bil-miktub. John Busuttil insista li jirreferi l-kwistjoni lill-bord ta` MGI. Ir-rinunzja ta` MGI issemmiet l-ewwel darba fis-snin tmenin minhabba kreditu li allegatament Konkos Limited kellha kontra l-Gvern.

**Anthony Montebello**, direttur ta` CML, ikkonferma bil-gurament il-fatti kontenuti fir-risposta ta` CML ghar-rikors promotorju. U kompla jaghti dettalji.
Sostna li MGI irrinunzjat ghall-kreditu taghha kontra Konkos Limited u ghax ghamlet hekk kien hemm qbil illi

ssirx kawza kontra l-Gvern ghal dak li Konkos Limited kellha tiehu. Insista li CML riedet tithallas l-imghax skond is-sentenza tal-qorti. Skond ix-xhud, ghax kien hemm din l-insistenza, MGI bdiet tinsisti li l-kreditu taghha kien jigi l-ewwel ghaliex dahlet minflok il-BOV.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

**1) <u>Generali</u>**

L-istralcarju talab l-intervent ta` din il-Qorti abbazi tal-**<u>Art 292(1) tal-Kap 386</u>** li jaqra hekk –

*L-istralcjarju jew xi membru jew xi kontributorju jew kreditur jista` jaghmel rikors lill-qorti biex tiddeciedi kull kwistjoni li tinqala` matul l-istralc tal-kumpannija, jew li tezercita, dwar l-ezekuzzjoni ta` sejhiet jew xi haga ohra, is-setghat kollha li l-qorti tista` tezercita jekk il-kumpannija kienet qed tigi stralcjata mill-qorti jew uhud minnhom.*

Fil-kaz tal-lum, l-istralcjarju pprezenta r-rikors odjern in linea ma` l-ewwel parti ta` din id-disposizzjoni. Qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex *tiddetermina l-gradwazzjoni skond il-ligi tal-kredituri maghrufa ta` Konkos Limited.*

Relatat hemm l-**<u>Art 292(3) tal-Kap 386</u>** li jaqra hekk –

*Il-qorti, jekk tkun sodisfatta li d-decizjoni tal-kwistjoni jew l-ezercizzju mehtieg tas-setgha msemmi fis-subartikoli (1) u (2) ikun gust u ta` beneficcju, tista` tilqa` r-rikors ghal kollox jew f`parti b`dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa jew tista` taghmel dak l-ordni l-iehor fuq ir-rikors kif jidhrilha li jkun xieraq.*

**2) Il-kreditu ta` MGI**

Mhuwiex kontestat illi MGI kienet garanti ta` kreditu li BOV kellu kontra Konkos Limited. Favur BOV kienu registrati zewg ipoteki generali (ara fol 4 u fol 5). Lanqas ma huwa kontestat illi MGI bhala garanti ta` Konkos Limited hallset lil BOV ghas-saldu d-dejn li kellha Konkos Limited. Daqstant iehor mhuwiex kontestat illi ghalkemm il-hlas minn MGI kellu jkun segwit minn att notarili, dan baqa` ma sarx. It-tesi ta` MGI hija li b`effett tal-hlas li ghamlet lil BOV bhala garanti ta` Konkos Limited hija saret kreditur ta` Konkos Limited stante li giet surrogata *ex lege* fid-drittijiet ta` BOV. Mhux hekk pero` qeghda tghid. Qeghda ssostni li s-surroga ghandha l-effett li l-ipoteki li kellha favur taghha l-BOV issa saru taghha u ghalhekk MGI tghid illi mhux biss hija kreditur izda kreditur privileggjat. Kwindi tippregradwa l-kredituri l-ohra ordinarji. Dawn il-pretensjonijiet huma kontestati minn CML.

Din il-Qorti sejra tqis l-eccezzjonijiet ta` CML u tipprovdi dwar dak pretiz minn MGI.

**a) Skond CML, l-ipoteki m`ghandhomx fis-sehh**

CML taghmel riferenza ghall-**Art 2053(1) tal-Kap 16** li jaqra hekk –

*L-iskrizzjoni tal-privileġġi u tal-ipoteki fir-Reġistru Pubbliku ma tibqax isseħħ wara tletin sena mid-data tagħha, kemm-il darba ma tiġix imġedda qabel ma jagħlaq dak iż-żmien.*

Din id-disposizzjoni hija cara u inekwivoka. Kwalsiasi privilegg li jista` iskritt fir-Registru Pubbliku

inkella kwalsiasi ipoteka (legali, gudizzjali jew konvenzjonali) li tigi hekk iskritta ma tibqax fis-sehh wara tletin (30) sena mid-data li fiha tkun iskritta sakemm ma tigix imgedda qabel ma jaghlqu t-30 sena.

Fil-kaz tal-lum irrizulta li l-ipoteka generali favur il-BOV kontra Konkos Limited bin-Nru 15690 kienet iskritta fil-21 ta` Dicembru 1981 waqt li l-ipoteka generali l-ohra ta` BOV kontra Konkos Limited bin-Nru 9665 kienet iskritta fit-30 ta` Awissu 1982. Mela skond l-Art 2053(1) tal-Kap 16, l-ipoteka bin-Nru 15690 kellha tigi renovata qabel il-21 ta` Dicembru 2011 waqt li l-ipoteka bin-Nru 9665 kellha tkun renovata qabel it-30 ta` Awissu 2012.

Fil-kaz tal-lum, irrizulta wkoll mid-deposizzjoni ta` Jason Grech illi dawn iz-zewg ipoteki ma gewx renovati. U lanqas ma rrizulta li saret xi talba ghat-tigdid tal-ipoteki.

Din il-Qorti hija tal-fehma li z-zewg ipoteki riferiti m`ghandhomx fis-sehh.

**b) <u>Is-surroga</u>**

Ghax kienet garanti ta` Konkos Limited, u hallset id-dejn li Konkos Limited kellha mal-BOV, MGI ssostni li giet surrogata fid-drittijiet ta` BOV bhala kreditur ta` Konkos Limited. U ccitat favur taghha l-**<u>Art 1166(c) tal-Kap</u> <u>16</u>** li jaqra hekk : *Is-surroga ssir ipso jure favur …(ċ) ta' dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu.* Din it-tesi hija kontestata minn CML fuq il-pretest li skond hi l-accettazzjoni tal-hlas da parti ta` MGI kien jinvolvi kuntratt ta` surroga li baqa` ma sarx. U timplika allura li ghax dak il-kuntratt baqa` ma sarx, allura ma kienx hemm surroga.

Il-posizzjoni ta` CML mhijiex kondivisa minn din il-Qorti.

Surroga tista` tkun *ex contractu* jew *ex lege.*

Ghalkemm wara li hallset, MGI kellha l-hsieb li tinsisti fuq surroga *ex contractu* (prova ta` dan hija l-korrispondenza esebita) fir-realta` dak il-kuntratt baqa` ma sarx ghalkemm BOV kien u ghadu sal-lum dispost jaghmel il-kuntratt.

Ghala l-kuntratt baqa` ma sarx ma rrizultax.

Li certament pero` rrizulta anke waqt l-iter ta` din il-kawza huwa illi l-insistenza ta` MGI kienet fuq surroga *ex lege.* U hija l-fehma ta` din il-Qorti li l-Art 1166(c) tal-Kap 16 ikopri l-posizzjoni ta` MGI bhala effett tal-hlas li ghamlet favur il-BOV.

Ghalhekk din il-Qorti tghid illi mal-hlas favur BOV tal-kreditu li din kellha kontra Konkos Limited, MGI giet surrogata *ex lege* fid-drittijiet li BOV kellha kontra Konkos Limited.

**c) <u>Skond CML, kien hemm rinunzja da parti ta` MGI</u>**

Huwa pacifiku illi rinunzja tista` tkun espressa jew tacita. Fuq kollox sabiex tissussisti, rinunzja trid tkun cara u univoka.

Dwar ir-rinunzja tacita, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-29 ta` Novembru 1993 fil-kawza **`<u>Sammut et vs Azzopardi</u>`** qalet hekk –

*Meta rinunzja ghal drittijiet ma tkunx espressa izda tkun tacita trid tirrizulta minn fatt (a) li juri l-volonta` preciza ta` min qed jirrinunzja li jabbanduna d-dritt ; u (b) li huwa ghal kollox inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt. Trid tirrizulta wkoll xi motivazzjoni ghall-volonta` preciza ta` min qieghed jirrinunzja.*

Din il-Qorti tghid illi din il-kwistjoni tal-allegata rinunzja ta` MGI trid titqies fil-kuntest tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz. Irrizulta illi wara l-kostituzzjoni taghha, Konkos Limited ghamlet xoghol ghall-Gvern u ghal entitajiet jew kumpanniji fejn il-Gvern kellu interess li tieghu baqghet ma thallsitx. Huwa evidenti ferm mill-analizi tal-provi illi ghal kumpless ta` ragunijiet Konkos Limited ma kenitx ‘komda’ tiehu l-Gvern il-Qorti biex tfittex li tithallas. Maghdud ma` dan, hemm il-posizzjoni ta` MGI li hija kumpannija tal-Gvern, b`sehem maggoritarju f`Konkos Limited, u li kienet garanti ta` Konkos Limited ghal dejn li din kellha mal-BOV. Ghax kienet garanti, MGI hallset id-dejn ta` Konkos Limited. CML qeghda tallega illi sabiex Konkos Limited ma taghmilx kawza lill-Gvern biex tithallas il-kreditu taghha, GMI accettat li tirrinunzja ghall-kreditu li kellha kontra Konkos Limited wara li hallset id-dejn taghha lil BOV.

Din il-Qorti tistqarr illi mhijiex sodisfatta li seta` kien hemm **<u>rapport guridiku</u>** bejn iz-zewg kwistjonijiet. Konkos Limited ma ppersegwietx il-hlas tal-kreditu taghha kjarament ghal ragunijiet ta` prova. Id-debituri taghha kienu dipartimenti tal-Gvern u entitajiet jew kumpanniji fejn il-Gvern kellu interess. L-espressjoni ‘*nebuluza*’ wzata mill-istralcjarju tixhed id-diffikulta` tal-prova tal-kreditu u kontra min. Fl-istess waqt ma tirrizultax prova konklussiva li MGI (li ma kienet qatt debitrici ta` Konkos Limited) setghet tirrinunzja ghall-kreditu taghha kontra Konkos Limited sabiex Konkos Limited ma taghmilx kawza kontrra l-Gvern. Din il-Qorti ma teskludix li seta` sar diskors lejn dik id-direzzjoni pero` teskludi ghal kollox li hemm prova ta` *rinunzja tacita* da parti ta` MGI kif tallega CML illi kien hemm. Din il-Qorti timmagina biss l-kwantita` ta` atti tenut

kont tal-fatt li si trattava tal-Gvern illi dik il-possibilita` kienet tinvolvi. Din il-qorti m`ghandhiex l-icken dubju li fil-kaz tal-lum la kien hemm rinunzja espressa u lanqas tacita.

L-eccezzjoni ta` CML qeghda ghalhekk tkun respinta.

**d) <u>Il-preskrizzjoni</u>**

Skond CML, kwalsiasi pretensjoni ta` MGI kontra Konkos Limited hija preskritta skond l-**<u>Art 2156(f) tal-Kap 16</u>** li jaqra hekk –

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin …*

*l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku*

**i) <u>Il-prova tal-preskrizzjoni</u>**

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **"<u>Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr. Maria Deguara noe</u>**" kien ritenut illi –

*"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien*

*utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

(ara wkoll "**Holland noe vs Chetcuti**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000 ; "**Vella vs Cefai**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Portelli vs Psaila" -** Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**Causon noe vs Sheibani**" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "**Camilleri vs Frendo**" (Kollezz. Vol. XII.144) ; "**Borg vs Testaferrata Bonici**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).

In partikolari fis-sentenza "**Causon vs Sheibani noe**" il-Qorti qalet –

"*Illi min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "**Calleja vs Vella**" – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).

**ii) Tifsira restrittiva**

Il-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001). Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u

jitfisser dejjem b`mod li ma` jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

**iii) <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

CML issostni li huwa preskritt id-dritt ta` azzjoni ta` GMI biex tigbor lura minghand Konkos Limited dak li hallset lil BOV ghal Konkos Limited.

Din il-fehma mhijiex kondivisa minn din il-Qorti.

Pregudizzjali ghal kull preskrizzjoni huwa r-rikonoxximent tal-kreditu. Tghidu l-ligi. U ssostnieh il-gurisprudenza.

Fil-kaz tal-lum, kien ippruvat illi MGI hallset id-dejn li Konkos Limited kellha mal-BOV (ara d-dokumenti esebiti). Kien ippruvat ukoll illi MGI, tramite MIMCOL, li hija l-kumpannija li tikkonduci l-*operations* ta` MGI, kienet u ghadha sal-lum rikonoxxjuta bhala kreditur ta` Konkos Limited, inkluz mill-istralcjarju (ara d-dokumenti esebiti).

Din il-Qorti qeghda ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**e) <u>Il-posizzjoni ta` BBL</u>**

Mhuwiex kontestat illi BBL hija kreditur ta` Konkos Limited skond sentenza tal-Qorti.

Din il-Qorti tghid pero` illi BBL mhijiex kreditur privileggjat ta` Konkos Limited in vista tal-**<u>Art 222 tal-Kap 386</u>** li jaqra hekk –

.

*Meta kumpannija tkun qed tigi stralcjata mill-qorti, kull att jew mandat, sew kawzjonarju jew ezekuttiv, barra minn mandat ta' inibizzjoni, mahrug jew migjub kontra l-kumpannija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null.*

Din il-Qorti tqis ir-registrazzjoni ta` ipoteka generali minn BBL kontra Konkos Limited bhala att ezekuttiv **accessorju** illi jaqa` fl-ambitu ta` dak previst mill-Art 222 tal-Kap 386.

Ghalhekk tqis ir-registrazzjoni ta` dik l-ipoteka bhala nulla u bla effett.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda, wara li qieset l-eccezzjonijiet kollha li kienu sollevati fil-procediment tal-lum, u bl-applikazzjoni tal-Art 292(1) u (3) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent kif gej –**

**1) Anke b`riferenza ghall-ewwel eccezzjoni ta` Concrete Mix Limited, tiddikjara li l-istralcjarju Av. Dr. Aldo Vella ma ghandu jqis l-ebda wiehed mill-kredituri tal-kumpannija Konkos Limited bhala kreditur privileggjat.**

**2) Tichad it-tieni eccezzjoni ta` Concrete Mix Limited li tghid illi Malta Government Investments Limited irrinunzjat ghall-kreditu taghha.**

**3) Tichad it-tielet eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta` Concrete Mix Limited skond l-Art 2156(f) tal-Kap 16.**

**4) Tichad ir-raba` eccezzjoni ta` Concrete Mix Limited, billi tiddikjara illi l-kumpannija Malta Government Investments Limited hija kreditur tal-kumpannija Konkos Limited hekk kif surrogata *ex lege* fid-drittijiet li kellha l-kumpannija Bank of Valletta plc kontra l-kumpannija Konkos Limited, liema kreditu tal-kumpannija Malta Government Investments Limited ghadu veljanti kontra Konkos Limited.**

**5) Tiddikjara illi l-kredituri tal-kumpannija Konkos Limited huma dawk li huma elenkati fid-dokument markat AV1 a fol 3 tal-process.**

**6) Tordna lill-istralcarju Av. Dr. Aldo Vella sabiex jipprocedi minnufih bl-istralc tal-kumpannija Konkos Limited. Jibda billi mill-fondi diga` fil-pussess tieghu u mill-fondi li ghad irid jippercepixxi fil-gejjieni, ihallas lill-kredituri kollha ta` Konkos Limited il-kapital u l-imghax dovut ilhom skond il-ligi. U minn hemm ikompli sakemm jaghlaq skond kif previst mil-ligi.**

**L-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu bla taxxa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------